Minuti tal-Laqgħa Nru. 6 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar il-Ġimgħa, 30 t' Ottubru 2015 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sra. Denise Cutajar |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Kearon Bruno<br>Is-Sur. Eric C Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri |
| Skużat | Is-Sur. Victor Caruana |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

---

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Tenders u Kwotazzjonijiet
5. Attivita Kulturali f' Għawdex (Fontana)
6. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
7. Aġġornament

**Is-Sindku informa li l-Kunsillier Caruana ma setax ikun preżenti waqt il-laqgħa minħabba impennji oħra.**

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Kunsillier Eric Camilleri semma li fuq punti 3.15 din il-persuna tiġi minn Eleanor Cassar.

1.2 Il-Kunsillier Eric Camilleri semma li fuq punt 3.20 dan huwa l-Każin tal-Unjoni.

## 2.0 PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera li għall din il-laqgħa huma kellhom jippreżentaw ir-rapport ta' ħidma. Is-Sindku semma li huwa kien lesta tiegħu u kien hemm ukoll tal-Kunsilliera Massa. Is-Segretarju semma li l-Viċi Sindku kienet bagħtet ir-rapport permezz t' email.

2.2 Il-Kunsilliera Elaine Camilleri Schembri u l-Kunsillier Bruno qallu li huma kienu se jibgħatu dan ir-rapport aktar tard.

2.3 Il-Viċi Sindku saqsiet jekk kinux saru it-toqob li kellhom isiru fl-imwejjed tal-Family Park. Is-Segretarju semma li huwa se jqabbad wieħed mill-ħaddiema tal-IPSL.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Eric Camilleri semma jekk fejn hemm il-flats ta Triq Ġużeppi Penza jistgħux isiru xi poles li magħhom jitwaħħlu l-boroż taż-żibel kif hemm Għawdex. Dawn ikunu jistgħu isiru fuq ġewwa. Is-Sindku qallu li idealment l-ewwel nidentifikaw minn kien bena l-flats u nagħmlu pressjoni miegħu biex ikun hemm aktar ordni. Huwa qal li nistgħu niċċekkjaw jekk hemmx xi flats minn dawn għall bejgħ u nieħdu d-dettalji min fuqhom.

3.2 Is-Sindku semma li issa qabel il-Milied nippreparaw biex noħorġu l-magazine tal-Kunsill.

3.3 Is-Segretarju talab permess lis-Sindku biex ikun jista jitkellem fuq il-website. Huwa qal li diġa saru xi paġni fuqha u din qed tinbena bil mod. Huwa semma li sal-laqgħa li jmiss din tkun lesta.

3.4 Il-Viċi Sindku semmiet li fil-laqgħa li attendiet tar-Reġjun infurmawha li hemm xi flus x' jittieħdu fosthom tad-dog litter bins u xi street signs. Is-Segretarju semma li huwa se jlesti invoices apposta biex jinġabru dawn il-flus.

3.5 Il-Viċi Sindku semmiet li hemm stop sign fi Triq il-Mitjar k/m Triq Dun Ġużepp Micallef li għandha bżonn tinbidel.

3.6 Is-Sindku semma li kien hemm ittra minn naħa tal-GAL Xlokk li dawn saqsew jekk il-Kunsill Lokali kienx se jerġa jissieħeb fil-GAL Xlokk. Dan kien hemm is-somma ta € 3,500 peress li l-Kunsill għandu 7 kunsilliera. Il-Kunsilliera qablu li nerġgħu nissieħbu peress li huma raw li l-Kunsill Lokali ibbenefikka ħafna fondi. Il-Kunsilliera Elaine Camilleri Schembri saqsiet kemm il-sena kien ilu l-Kunsill Lokali fi ħdan il-GAL Xlokk. Is-Sindku semma li dan kien ilu mis-sena 2011.

3.7 Is-Sindku ressaq email fuq prezzijiet speċjali li kellhom Heritage Malta għall minn huwa interessat li jorganiżża ħarġiet.

3.8 Is-Sindku qara ringrazzjament li kien wasal minn naħa tal-Għammieri peress li kienet organiżżatta l-fiera tal-animali u sabu koperazzjoni mill-Kunsill.

3.9 Is-Sindku qara email fuq laqgħa tas-Sindki li kienet se tkun organiżżata fejn kienu se jiġu diskussi r-riforma tal-LESA.

3.10 Is-Sindku qara email oħra li waslet minn naħa tad-Dipartiment tal-Ambjent fuq proposta biex jekk il-Kunsill Lokali ikun interessat jkun jista jieħu xi siġar milli se jinqalgħu mill-Pjazza tar-Raħal Ġdid u jitħawwlu Ħal Luqa.

3.11 Il-Viċi Sindku saqsiet kinux se jsiru xi dog litter bins ġewwa Ħal Farruġ peress li kien hemm problema bil-ħmieġ tal-klieb. Is-Sindku semma li dawn kienu se jkomplu jiżdiedu mal-lokalita fejn hemm bżonn.

3.12 Is-Sindku qara email fuq stedina għal Xarabank biex jekk ikollna xi attavita nkunu nistgħu nippromwovuha fuq il-program ukoll.

3.13 Is-Sindku semma li kien hemm xi taħdidiet li huma t' interess għall persuni anzjani. Il-Kunsilliera Massa semmiet li hija tkun interessati imma fil-ġranet li kien hemm ma tistax tattendi. Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi Kunsilliera oħra li jkunu jistgħu jattendu minflok.

3.14 Is-Sindku ressaq talba fuq claim t' incident li sar ġewwa Triq Valletta, Luqa fejn kien hemm rapport tal-Pulizija kif ukoll taħt ir-responsabilta tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsilliera raw li din it-talba kienet ġustifikata u għalhekk qablu li din il-persuna kellha tkun rimborsata.

3.15 Is-Sindku saqsa lill-Kunsilliera x' kien ġara mill-applikazzjoni li kellha ssir fuq il-program Erasmus. Il-Kunsillier Bruno qal li huwa kien bagħat email lill tal-futbol u dan qallu li huma kienu jmorru fuq training kieku. Il-Kunsillier Bruno qal li huwa għall applikazzjoni ried jagħti prova li kien jeżisti Sotto Kumitat apposta.

3.16 Il-Kunsillier Bruno semma li huwa jixtieq li jkun iffurmat Sotto Kumitat apposta biex ikunu jistgħu jiġu identifikati opportunitajiet simili. Is-Sindku qallu biex jieħu ħsieb jagħmel kuntatti huwa u jerġa jkellmu lura. Il-Kunsillier Bruno semma li kien hemm minn issuġġerrillu biex tintbagħat ittra lill tal-Każini biss imma huwa semma li ma jixtieqx li jiddependi fuqhom biss imma li jkunu avviċinatti anki entitajiet oħra.

3.17 Il-Kunsillier Eric Camilleri semma li hemm call oħra tal-iskema tal-attivitajiet kulturali għas-sena d-dieħla u semma li għandna nerġgħu nippruvaw napplikkaw. Dawn kellhom dati ġodda u semma biex napplikkaw waħda għall Jum Ħal Luqa u oħra waqt żmien il-Milied.

3.18 Is-Sindku semma li fuq id-dawl tal-Milied kien hemm ftehim mal-Każini biex jieħdu ħsieb huma għad dawl tal-Milied. Is-Sindku semma li dawn kienu qed jiffukkaw ħafna fuq iċ-Ċentru tal-lokalita. Huwa qal li kien hemm bżonn inkellmuhom biex jibdew iżidu mat-toroq tal-madwar.

3.19 Il-Kunsilliera Elaine Camilleri Schembri semmiet jekk nistgħux nikkombinaw l-affarijiet tal-European Week of Waste Reduction biex jinġabru affarijiet li jkunu jistgħu jintużaw fl-armar tal-Milied. Is-Sindku qal li nistgħu nikkuntattjaw l-għaqdiet u naraw xi proposti għandhom.

3.20 Il-Viċi Sindku ipproponiet kieku ssir xi mini bus għall dawk li se jipparteċipaw għall President's Fun Run biex il-Kunsill Lokali jgħin b dan il-mod waqt din l-attivita. Dawn ikunu jistgħu jiġu mwasslin sar-Raħal Ġdid u jitilqu minn hemm. Is-Sindku qal li jista jkun hemm konkorenza baxxa u ma jkunx jaqbel. Is-Sindku qal li xorta se nkunu qed niċċekkjaw xi spejjeż ikun hemm.

3.21 il-Viċi Sindku saqsiet jekk kienx hemm applikazzjoni biex issir zebra cross fi Triq il-Ġdida. Is-Sindku semma li kien hemm talba biex issir waħda viċin fejn hemm il-Kunsill Lokali. Il-Kunsilliera Massa saqsiet jekk tistax issir zebra cross fejn toqgħod Flavia fi Triq il-Ġdida.

3.22 Il-Kunsillier Eric Camilleri saqsa jekk tistax issir zebra corss fi Triq Ħal Qormi viċin fejn hemm hemm l-Express Trailers.

3.23 Il-Viċi Sindku semmiet li hemm persuna fi Triq il-Mitjar li saqsiet jekk tistax issir sleeping policeman. Is-Sindku semma li meta dawn isiru wara jkun hemm talbiet minn dawk stess li jkunu talbu biex isiru biex dawn jitneħħew. Il-Viċi Sindku filfatt semmiet li kien hemm persuna fi Triq il-Wilġa li kellmitha fuq sleeping policeman li hemm viċin tagħha biex din titneħħa. Is-Sindku qallha li huwa jaf biha.

3.24 Il-Kunsillier Eric Camilleri semma li bħala data għall Jum Ħal Luqa s-sena d-dieħla din se tkun il-Ħadd. Huwa semma li dakinhar tista issir iċ-ċerimonja u lejliet ikun hemm l-attivitajiet.

3.25 Il-Kunsillier Eric Camilleri semma li minn naħa tal-MEUSAC kien se jkun hemm xi fondi apposta għall dawk il-lokalitajiet li jridu jagħmlu ġemellaġi. Is-Sindku qallu biex nagħmlu kuntatt m' Amalfi.

3.26 Il-Viċi Sindku semmiet li kien hemm bankina fi Triq San Tumas li fiha kien qed joqgħod l-ilma. Is-Sindku semma li huwa kien kellem lill-Perit tat-Transport Malta u li dan kien qallu li kien se jmur jiċċekkja din il-bankina meta tagħmel ix-xita biex jara s-sitwazzjoni sew.

## 4.0 TENDERS U KWOTAZZJONIJIET (PROGETT TAL-BANDLI U ACCOUNTANT)

4.1 Is-Sindku semma li għall kwotazzjonijiet tal-Accountant huwa kien stieden lill-Kunsilliera Elaine Camilleri Schembri u l-Kunsillier Bruno fejn kien infurmah li ma setax jattendi. Is-Sindku semma li huma kienu raw il-kwotazzjonijiet biex jaraw jekk kienx hemm ir-rekwiżiti kollha fejn dawn kollha kellhom. Kien għalhekk li ġie suġġerritt biex il-Kunsill jagħżel l-orħos offerta li kienet dik tas-Sur. Joseph Piscopo. Il-Kunsilliera kollha qablu ma din ir-rakkomandazzjoni.

4.2 Is-Sindku semma li fuq il-każ tat-tender tal-Bandli kien ikun faċli li l-Kunsill kien jaqbad u jagħżel l-orħos offerta imma billi dan kien tender tekniku huwa iddiskuta flimkien mal-Kunsilliera li kienu tal-fehma li jkellem lill-Perit biex iħejji rapport fuq iż-żewġ offerti li kien hemm.

4.3 Is-Sindku qal lill-Kunsilliera kollha li jekk il-Perit jirrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-ogħla offerta isejjaħ lill-Kunsill b' urġenza biex jitkellem dwar dan. Jekk il-Perit jirrakkomanda l-orħos offerta jmexxi bix-xogħol mill-ewwel. Il-Kunsilliera qablu li jsir hekk.

## 5.0 ATTIVITA KULTURALI F' GĦAWDEX, FONTANA

5.1 Is-Sindku semma li hemm stedina minn naħa tal-Fontana għad 29 ta' Novembru għall festa peress li kien hemm ftehim ta Koperazzjoni bejn iż-żewġ lokalitajiet. Is-Sindku semma li din diġa saret is-sena l-oħra u l-Każini kienu diġa infurmati b' din id-data. Huwa qal li kien se jkun hemm attivita tal-Car Show minn naħa tal-Każin tal-Unjoni imma huwa ma jistax jattendi għaliha għax dakinhar se jkun mal-Grupp t' Għawdex.

5.2 Il-Kunsilliera Massa qalet li huma l-ewwel kienu se jżuru l-Ġgantija u r-Rabat u wara jitilgħu l-Fontana.

5.3 Is-Sindku qal lill-Kunsillier Eric Camilleri biex jieħu ħsieb jikkordina mal-Għaqdiet biex ikun hemm kalendarju tal-attivitajiet u dawn ma jerġgħux jkun hemm clashes.

## 6.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

6.1 Il-ħlasijiet ġew approvatti.

**7.0 AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar il-Ġimgħa 30 t' Ottubru 2015 fis-7.15 pm. Ma kienx hemm data proposta għal laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________2015.

______________________ ____________________

John Schembri
Sindku

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv